Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0211

L-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk u fuq il-prodotti relatati mat-tabakk

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2026 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk u fuq il-prodotti relatati mat-tabakk (riformulazzjoni) (COM(2025)0580 – C10-0207/2025 – 2025/0580(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni – riformulazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2025)0580),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0207/2025),

– wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mill-Kamra tad-deputati Taljana, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali[1],

– wara li kkunsidra l-ittra tal-11 ta' Diċembru 2025 tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali indirizzata lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji skont l-Artikolu 113(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 113 u 84 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0161/2026),

---

1 ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

1. Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tirtira l-proposta tagħha;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.